MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 411/2009

**Valhmor Borg Import Export Limited – C3062**

**Vs**

**Rosaria Gauci bhala d-debitur principali**
**u John Cameron bhala garanti flimkien**
**u in solidum mad-debitur prinicpali**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in ezami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' sitt elef, mija u erbghatax l-ewro u wiehed u sebghin centezmu (Euro6114.71) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ghall-konsum, kif ukoll ihallsu l-imghaxijiet legali dekorribbli mis-26 ta' Awissu 2009 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk, tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 3246/2009MG fl-ismijiet premessi, tat-taxxa fuq l-valur mizjud nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn l-proceduri. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess Rosaria Gauci, wahedha, u li bih eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti ghandhom jigu michuda stante li jekk hemm xi ammonti dovuta lis-socjeta’ attrici dawn ghandhom jithallsu minn John Cameron u mhux minn l-eccipjenti.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat dak verbalizzat a fol 23 tal-atti.

Rat is-sentenza moghtija fil-konfront ta’ John Cameron wahdu u fil-kwalita tieghu premessa (fol 24 et seq ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif di gja gie premess, dan il-kaz gie deciz di gja, fil-konfront tal-konvenut John Cameron skond is-sentenza hawn fuq imsemmija moghtija fid-29 ta’ Settembru 2010.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward Rosaria Gauci, waqt li jigi rilevat illi, sallum, u avolja nghatat l-opportunita li ggib a konjizzjoni tal-Qorti, l-provi taghha in sostenn tal-eccezzjoni sollevata minnha izda dan ma avverax ruhu, is-socjeta’ attrici pproduciet lil Alison Busuttil (fol 33 ibid) u esebiet kopja tal-ftehim bejn il-partijiet involuti (fol 36 ibid).

Illi minn dawn il-provi, jirrisulta illi Rosaria Gauci, personalment u ‘in solidum’ kif premess, ghandha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma specifikata fir-rikors promotur in konnessjoni ma’ prodotti ghall-konsum mibjugha u

konsenjati lilha.  Ghalhekk, anke fil-konfront tal-konvenut, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talba attrici u l-Qorti tikkundanna lill-konvenuta, Rosaria Gauci bhala d-debitur principali flimkien u 'in solidum' mal-garanti, John Cameron, is-somma ta' €6114.71 bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Awissu 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll nofs (1/2) l-ispejjes ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 3246/2009 MG.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------